MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 35

L-Erbgħa, 19 ta' Jannar, 2022

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fid-12:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 35.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

35.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

35.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 35.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

35.2.1 Is-Sindku qal li l-handyman tal-Kunsill, is-Sur Stephen Piscopo beda u sejjer tajjeb ħafna, saħansitra qed jagħmel xogħol qabel jidħol xi avviż il-Kunsill.

35.2.2 Is-Sindku qal li jixtieq jirraporta li l-ħadd li għadda, kien hemm inċident fejn bus baqgħet dieħla f'erbgħa bollards fejn ġarrbu xi ħsarat. Hu irraporta l-inċident l-għassa u se nġibu stimi sabiex jieħdu ħsieb tal-insurance. Il-Kunsill qabel unanimament.

35.2.3 Is-Sindku qal li rigward l-ittra legali rigward Triq il-Ġebla tal-Ġeneral, għalissa m'hemmx bżonn li tinbgħat għaliex l-Ministeru għamel patching tajjeb ħafna u t-tnejn li jmiss, se jibdew ix-xogħolijiet. Il-Kunsill qabel unanimament.

35.2.4 Is-Sindku qal li bħala Kunsill, ser nidħlu f'kompetizzjoni id-Dwejra bħala l-aħjar 'Filming Location' għall-Malta Film Awards u jekk tirbaħ, il-Kunsill jieħu €25,000 premju. Il-Kunsill qabel unanimament.

35.2.5 Is-Sindku irraporta li rigward il-Community Policing, se ssir laqgħa daqt u se jirraporta xi jkun wasslilna s-Supretendent u t-tim tiegħu.

35.2.6 Is-Sindku qal li ilu għal diversi xhur jibgħat reminders rigward it-tkomplija tax-xogħolijiet rigward il-Monument ta' San Lawrenz. Hu kompla jgħid li kellu laqgħa mal-familja Baldacchino, is-sidien tal-lukanda, fejn offrew it-travertine b'xejn u hekk ikun jista jitkompla x-xogħol. Peress li t-travertine l-ikbar spiża, il-Kunsill jista jkompli bix-xogħolijiet għaliex ma jifdalx spejjeż kbar. Il-Kunsill qabel unanimament.

35.2.7 Is-SE qalet li waslilna kuntratt sabiex jiġġedded il-lease agreement ta' Bieb il-Għar fejn hemm il-Playing field Colle Umberto. Il-Kunsill qabel unanimament biex jiġi estiż.

35.2.8 Is-SE qalet li l-Kunsill irċieva email mill-Wasteserv sabiex jiġġedded l-kuntratt tal-organic għas-sena 2022. Il-Kunsill qabel unanimament.

35.2.9 Is-SE qalet li irċivejna email li ssir Trialthon fid-Dwejra f'Marzu. Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni għal din l-attivita'.

35.2.10 Is-SE qalet li ħarġet skema Ambjent 2022. Is-Sindku qal li jissuġerixxi li napplikaw għall-estensjoni tal-proġett tal-ġnien li jinsab fi-Triq it-Tieqa tad-Dwejra. Il-Kunsill qabel unanimament.

35.2.11 Is-SE qalet li bħala parti mill-project Wifi4Eu, biex isir Wifi fl-area ta' Triq it-Tieqa tad-Dwejra u l-quddiem jintuża ukoll fil-ġnien propost, hemm bżonn jiġi insatallat meter tad-dawl ġdid. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 35.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

35.3.1 Il-kunsillier George Camilleri qal li kellu diversi ilmenti rigward il-qasrija fl-area ta' Pawluzzu u qal li jridx ikun responsabbli ta xi inċident. Is-Sindku qal li qed ikun hemm periklu għaliex qed jipparkjaw ħażin mal-kantuniera fejn mhux suppost. Is-Sindku kompla jgħid li lilu irringrazzjawħ ħafna nies għaliex ġiet bħala roundabout. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex isiru double yellow lines fil-kantuniera, jiġu installati 'cats eyes' u nitkellmu mat-Transport Malta sabiex jintalab parir professjonali.

35.3.2 Il-kunsillier Anthony Formosa qal li dak li qed jirrestawra t-Torri tad-Dwejra talbu l-għajnuna għaliex jixtieq għajnuna biex itella l-affarijiet minn Triq alternattiva. Il-Kunsill qabel unanimament li dik mhix xi ħaġa fil-kompitu tal-Kunsill iżda ta' Din l-Art Ħelwa peress li t-Torri jaqa' taħt din il-fondazzjoni.

## 35.4 Performance Bonus tal-Impjegati;

35.4.1 Is-SE ressqet ir-rapport għall Loretta Cauchi għas-sena 2021 u irrakkomandat li tingħata l-massimu ta' 6%. Il-Kunsill qabel unanimament.

35.4.2 Is-Sindku qal li jirrakomanda li s-SE tingħata l-10% tal-performance bonus. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 35.5 Proġetti Pendenti u d-Deadlines Tagħhom;

35.5.1 Is-Sindku qal li għandu risposta uffiċjali li x-xogħol fuq Triq il-Ġebla tal-Ġeneral se jibdew it-Tnejn, 24 ta' Jannar. Bħala traffic management qiegħed f'kuntatt tal-periti u s'issa l-pjan hu ssir diversion minn Triq it-Tieqa tad-Dwejra, Filwaqt li Triq il-Ġebla tal-Ġeneral ktun kollha 'no parking'. Is-Sindku qal li qed jaħdem sabiex noħorġu t-tender tal-mats tal-playing field. Is-Sindku fakkar fl-iskemi Kulturali 9/2021, u se toħroġ skema għall-Percussion Equipment Application u sar qbil li napplikaw. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 35.6 Proġett Ġdid għal-Toroq għal-Bdiewa taħt il-Miżura 4.3;

35.6.1 Is-Sindku qal li ħarġet sejħa oħra taħt il-miżura 4.3 u qal li qiegħed f'kuntatt mal-Perit sabiex naraw liema toroq huma eliġibbli għalihom inkluż triq li hemm għan-nofs Triq il-Qasam u xi toroq oħra li nistgħu nibbenefikaw minnhom. Is-SE fakkret li xogħol relatat mal-

ilma mhux ser ikun kopert f'din l-iskema, u għalhekk nevitaw dawn l-ispejjeż għaliex ikun ta' piż finanzjarju kbir fuq il-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 35.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

35.7.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

35.7.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 35.8.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

35.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-13:30 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa, 23 ta' Frar 2022 fit-09:00.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv